**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 12 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Brian Mizzi**
**(ID 395872(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Brian Mizzi, ta' 41 sena, iben Joseph u Mary nee` Abela, imwieled il-Pieta` fil-25 ta' Awwissu 1972 u joqghod 13, Marton, Triq il-Kapuccini, Marsa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 395872(M):

Akkuzat talli fis-26 ta' Jannar 2014, ghall-habta tas-6.30 a.m. gewwa l-hanut 3 N 1 Bar fi Triq Patri Felicjan Bilocca, Marsa: (1) ingurja u/jew hedded bi kliem lil PC 948 Christian Gauci, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u cioe` ta' PC 948 Christian Gauci kif ukoll ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliehx jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat li jaghmel u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) volontarjament

kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (4) talli daqq jew ippermetta daqq ta' muzika tghajjat, strument tal-muzika jew l-uzu ta' *loudspeakers* jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment 3 N 1 Bar minghajr ma kien fil-pussess ta' permess mahrug mill-Awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15 Reg. 12(1) tal-Ligijiet ta' Malta; (5) naqas milli jqieghed gewwa gwarnic u f'post fejn jidher sewwa fil-hanut, kopja ta' licenzji jew permessi u dan bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, Reg. 22 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel imputazzjoni tikkontempla r-reat taht l-Artikolu 95 tal-Kap. 9, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern, ossia qabel id-dhul fis-sehh tal-Att V tas-sena 2014.

Illi l-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja u t-theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Dan ir-reat huwa dak ta' *oltraggio* kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio*

*delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid hekk:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**, inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

"*Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali ... fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per*

*ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi.*"

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta mill-affidavit ta' **PC 948 Christian Gauci** illi fil-jum in kwistjoni, gewwa l-Ghassa tal-Marsa bdiet tinstema' muzika b'volum gholi u hekk kif ix-xhud hareg fil-bieb tal-Ghassa, huwa nnota li din il-muzika kienet gejja mill-istabbiliment 3 'N' 1 Snack Bar. Stante illi l-muzika kienet tassew gholja, ix-xhud flimkien mal-kollega tieghu, PC 37, marru fl-imsemmi stabbiliment fejn sabu lill-imputat wara l-bar u ordnawlu biex jitfi l-muzika. Minkejja din l-ordni, l-imputat beda jipprotesta u baqa' jdoqq l-istess muzika, u kien biss wara li gie ordnat jitfi l-muzika kemm il-darba, li huwa baxxa l-volum. Skond l-istess xhud, hekk kif huma regghu marru gewwa l-Ghassa, l-imputat ukoll mar l-Ghassa u baqa' jilmenta dwar il-fatt li l-pulizija kienu ordnawlu sabiex jitfi l-muzika. Sussegwentement, rega' mar fl-istabbiliment u rega' gholla l-volum tal-muzika izjed minn qabel. Hekk kif ix-xhud hareg mill-Ghassa biex jerga' jmur jordna lill-imputat biex jitfi l-muzika, min-naha l-ohra tat-triq, dan beda jghajjat u jghid lix-xhud "*Irrappurtani Pufta*". Fl-affidavit tieghu, imbaghad, **PC 37 David Bezzina**, jikkonferma dak li jghid PC 948 fl-affidavit tieghu.

Fix-xhieda tieghu, imbaghad **l-imputat**, jghid illi li dakinhar huwa mar inaddaf il-hanut tal-habib tieghu u xeghel "*naqra*" r-radju, waqt li kien hemm zewg persuni jixorbu fil-bar u li kien hu li qdiehom. Huwa nnega li hedded lill-pulizija, izda qal illi huwa gie mitlub jaghlaq il-hanut u li huwa wiegeb li ma kienx ser jaghlqu, ghaliex il-hanut ma kienx tieghu u ma kien qed jaghmel xejn hazin. Qal li l-unika muzika li kien qed idoqq kienet dik tar-radju. Innega li huwa ghamel xi storbju billi ghajjat, izda qal illi wiehed mill-pulizija beda jghajjat u hu beda jitkellem bl-istess vuci ta' dan l-istess pulizija, apparti li qallu biex ma jindahalx, ghaliex dak il-hin kien qed ikellmu pulizija iehor.

Fil-waqt illi fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li sar xi theddid da parti tal-imputat fil-konfront ta' PC 948 Christian Gauci, jirrizulta car mix-xhieda tal-istess PC 948 illi l-imputat qallu l-kliem 'Irrappurtani Pufta'. Dan gie wkoll ikkonfermat minn PC 37 David Bezzina. Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex temmen il-verzjoni moghtija mill-Ufficjali tal-Pulizija. Ghalkemm l-imputat jghid

illi huwa m'ghamilx storbju, izda gholla biss lehnu, il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' lill-imputat u tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u tqis il-verzjoni tal-Ufficjali tal-Pulizija bhala l-izjed wahda verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Il-kliem li ntqalu mill-imputat lil PC 948 jikkostitwixxi ingurja u ntqalu minnu fil-hin li dan kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu u proprju ghaliex l-istess Ufficjal kien qed jaqdi dawn id-dmirijiet. F'dan il-kaz, l-agir u d-diskors tal-imputat certament illi mar oltre s-semplici rimostranza. Wara kollox l-imputat kien diga` ilmenta fuq li ilmenta dwar il-fatt illi gie ordnat sabiex ibaxxi l-volum tal-muzika u ghalhekk ma jistax jinghad li dan il-kliem intqal minnu *animus reclamandi.*

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacement ippruvata.

Madankollu, kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Attard</u>**, tas-27 ta' Settembru 2007:

"*Illi minn din it-testimonjanza jirrizulta li l-insult li gie rivolt lejn mart l-appellant kien jikkostitwixxi ingurja semplici li taqa' taht l-art. 252 (2) u/jew l-artikolu 339 (e) tal-Kodici Kriminali u skond il-gurisprudenza din hija kompensabbli meta l-istess persuna ingurjata tirritalja bl-istess mod b' ingurji fil-konfront tal-persuna li tkun qed tingurjaha. F'dan il-kaz il-parti leza lejalment stqarret li hi hallset lura bl-istess munita meta ghall-ingurja "lesbjana" irritaljat bilkelma ingurjuza "pufta" w dan iwassal biex inehhi responsabilta' kriminali fir-rigward tat-tieni akkuza.*

*F' kull kaz ir-raba' akkuza ta' ingurja taht l-artikolu 252(1) ma tirrizultax minhabba li l-ingurja saret bi kliem mhux specifikat fis-sens li fil-gergo popolari tal-lum sfortunatament il-kliem "lesbjana" u "pufta" saru komuni hafna kull meta wiehed ikun irid jghajjar lil xi hadd anki jekk il-parti leza b'ebda mod ma jkollha xi tendenzi omosesswali. <u>Dan il-kliem kif gja intqal normalment jaqa' taht ir-reat kontemplat fis-subinciz (2) tal-istess art. 252, sakemm ma jkunx akkumpanjat minn xi riferenza specifika ghal xi attivita' omosesswali ta' dak li jkun bhal per ezempju meta tissemma l-persuna l-ohra li jkollha xi relazzjoni mal-parti leza jew xi att immorali specifiku li jkun qed jigi attribwit lil dak li jkun</u>.*

*Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:"Il-Pulizija vs. Josianne Bonello" [16.1.2003]:-*

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kelma adoperata mill-appellanti b'mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari w eventi partikolari , "in common parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata , ma tistax titqies*

*bhala ingurja gravi, l-istess bhal mal-kelma generika "qahba" giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi, imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal-artikolu 252. Ghalkemm il-veru sinifikat tal-kelma hu dak li hu w cioe' li jimplika li persuna hija omosesswali, fil-gergo ta' kuljum, din il-kelma - li sfortunatament spiccat fuq fomm hafna nies - saret tfisser persuna sgradevoli, antipatika, kiesha jew li mhux ta' min wiehed ikollu x'jaqsam maghha u dan ghal kull raguni kwalsiasi u mhux necessarjament minnhabba konnotazzjonijiet omosesswali*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi f'dan il-kaz l-ingurja kienet wahda semplici ai termini tal-Artikolu 252(2) tal-Kap. 9 u mhux gravi ai termini tal-ewwel sub-artikolu tal-istess artikolu.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa evidenti mix-xhieda ta' PC 948 u PC 37 illi l-imputat m'obdiex l-ordnijiet tal-pulizija mill-ewwel u baxxa l-volum tal-muzika biss wara li l-Ufficjali tal-Pulizija kienu qalulu sabiex jaghmel dan diversi drabi u sahansitra jirrizulta car mill-affidavit ta' PC 948, illi ghalkemm ghal xi hin l-imputat baxxa l-volum, wara ftit rega' ghollieh izjed minn qabel, u dan bi sfida cara ghalhekk ghall-ordni moghtija lilu. Li din l-ordni kienet wahda legittima, imbaghad, huwa wkoll evidenti mill-fatt li l-volum tal-muzika kien tant gholi li din bdiet tinstema' mill-Ghassa tal-Pulizija (madwar 60 jew 70 metru l'boghod skond l-affidavit ta' PC 37) u dan meta kienu appena s-6.30 a.m. Dan certament li kien ta' inkonvenjent ghan-nies tal-madwar, tant illi anke nies ohrajn li dak il-hin kienu ghaddejjin minn hemmhekk bdew jghidu lill-imputat sabiex jitfi l-muzika u jobdi lill-pulizija.

Ghaldaqstant, anke din it-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ossia l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-20 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro**, fejn inghad hekk:

"*Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:*

*"Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or*

*tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell T. Watkins L.J. said:*

*' ... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*

*Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9, meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.*"

Issa f'dan il-kaz, it-tielet imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat titkellem dwar ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied. Mix-xhieda ta' PC 948 u PC 37, ghalkemm jirrizulta illi l-imputat protesta kemm felah dwar l-ordni moghtija lilu mill-istess Ufficjali tal-Pulizija sabiex ibaxxi l-volum tal-muzika, u anke mar warajhom gewwa l-Ghassa sabiex ikompli jipprotesta u qal ukoll kliem ingurjuz fil-konfront ta' PC 948, biss ma jirrizulta minn imkien illi l-agir tal-imputat kien tali li oggettivament kien iqajjem imqar minimu ta' inkwiet jew thassib dwar l-inkolumita` fizika tal-istess Ufficjali tal-Pulizija jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta` fis-sens tas-sentenza fuq citata.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Bir-raba' imputazzjoni, imbaghad l-imputat gie akkuzat talli daqq jew ippermetta daqq ta' muzika tghajjat, strumenti tal-muzika jew l-uzu ta' *loudspeakers* jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment in kwistjoni minghajr ma kien fil-pussess ta' permess mahrug mill-Awtorita` kompetenti bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15, Regolament 12(1). Dan ir-Regolament jghid hekk:

"*Id-detenturi ta' licenza u* <u>*l-operaturi ta' l-istabbilimenti*</u> *li jipprovdu l-ikel ma ghandhomx jippermettu d-daqq ta' muzika tghajjat, strumenti tal-muzika u, jew l-uzu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment kemm-il darba ma jkunx inhareg permess minn qabel ghal dik l-attività*" [sottolinear tal-Qorti].

Issa jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-*Malta Tourism Authority*, illi fiz-zmien in kwistjoni, l-licenza tal-istabbiliment kienet tghajjat lil certu Geranzio Bartolo, fil-waqt illi certu Raymond Zahra kien registrat bhala *substitute.* L-imputat jghid, fix-xhieda tieghu, illi huwa kien qieghed fl-istabbiliment ghaliex mar inaddaf, dahlu zewg persuni u qdiehom billi fethilhom tnejn birra. Dak il-hin, fil-hanut, kien hemm biss hu u dawn iz-zewg persuni. Kemm PC 948, kif ukoll PC 37 jghidu fix-xhieda taghhom illi l-imputat kien qieghed wara l-bar hekk kif dahlu fil-hanut. Kienx qed inaddaf jew le, l-imputat ammetta li dak il-hin huwa kien wahdu fil-hanut (apparti z-zewg klijenti) u li kien hu li qeda lill-klijenti li dahlu hemmhekk. Ghalhekk f'dak il-mument effettivament kien l-imputat li kien qed imexxi l-hanut, kien hu li kien *in charge* minnu u fil-fatt kien hu li qeda n-nies li dahlu fl-istess hanut. Ghaldaqstant, fil-hin in kwisjoni, kien l-imputat li kien qed jopera l-imsemmi stabbiliment. Jirrizulta car illi kien ukoll l-imputat stess li daqq muzika tghajjat fl-istess stabbiliment u in oltre l-licenza tal-istabbiliment ma kienet tinkludi l-ebda kundizzjoni specjali li permezz taghha setghet tindaqq muzika amplifikata jew muzika li tghajjat jew xi muzika barra l-hinijiet li tipprovdi l-ligi. Dan ifisser, anke kif spjegat mir-rapprezentant tal-MTA fix-xhieda tieghu, illi l-muzika setghet tindaqq fl-istabbiliment in kwistjoni bil-kundizzjonijiet generali li tipprovdi l-ligi. Dwar dan, il-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, fir-Regolament 13.10 (it-Tieni Skeda), tipprovdi illi l-ebda attivita` kummercjali li qeghda f'zona urbana ma tista' tiggenera storbju li jista' jinstema' minn barra tal-post li jikkawza sikkatura u disturb lill-girien bid-daqq ta' muzika b'*live bands* jew muzika amplifikata jew mezzi ohrajn, bejn il-11.00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-ghada. Il-licenza tal-istess stabbiliment, imbaghad, tipprovdi taht il-kundizzjonijiet generali illi "*The licensee abides with the provisions of the laws and regulations of the Malta Tourism Authority, the Malta Resources Authority* <u>*as well as with other relevant laws and regulations currently in force in Malta*</u>" [sottolinear mizjud]. Skond ix-xhieda tal-Pulizija kif inghad, il-muzika tant kienet gholja li kienet tinstema' mill-Ghassa tal-Pulizija xi sittin jew sebghin metru l'boghod u in oltre anke n-nies stess li bdew ghaddejjin minn hemm bdew jigbdu l-attenzjoni tal-imputat sabiex ibaxxi l-muzika.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Fl-ahhar, l-imputat gie akkuzat ukoll talli naqas milli jqieghed gewwa gwarnic u f'post fejn jidher sewwa fil-hanut, kopja tal-licenzi jew permessi u dan bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, Regolament 22. Skond dan ir-Regolament:
"*Il-liċenza maħruġa għal xi post kummerċjali u l-aħħar riċevuta tal-pagament tal-liċenza tal-kummerċ għandhom jintwerew b'mod prominenti fl-istess post kummerċjali flimkien mal-aħħar riċevuta tal-pagament tal-liċenza tal-kummerċ.*"

Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat odjern ma kienx responsabbli ghall-wiri tal-licenza fil-fond, izda semmai kien responsabbli dwar dan, id-detentur tal-istess licenza. Huwa d-detentur tal-licenza li jkollu f'idejh kemm l-istess licenza, kif ukoll l-ahhar ricevuta tal-pagament tal-licenza jew tal-inqas dawn jghajjtu lilu u ghalhekk ghandu jkun hu l-persuna responsabbli li jara li dawn ikunu murija kif trid il-ligi. In oltre dan ir-regolament jinsab taht it-Taqsima II tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07, liema Taqsima titkellem dwar 'Licenzjar ta' Post Kummercjali' u huwa evidenti illi din l-istess Taqsima tapplika ghal detentur ta' licenza jew ghal min japplika ghal-licenza ta' post kummercjali. Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi f'dan il-kaz, fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni japplika l-Artikolu 95 qabel id-dhul fis-sehh tal-Att V tal-2014. In oltre il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(f), 95, 252(2), 338(ee) tal-Kap. 9 u r-Regolamenti 12 u 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u qed tikkundannah, fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ghal piena ta' multa ta' mija u ghoxrin Euro (€120) u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ghall-piena ta' ammenda komplessiva ta' hamsin Euro (€50), lib l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-kap 9 ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt xhur millum.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat